31991D0637

L 343/46 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 13.12.1991

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat-3 Diċembru 1991
## li tistabbilixxi l-mudell għall-messaġġ li għandu jiġi trasmess permezz tan-network komputerizzat "Animo"

(91/637/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 Ġunju 1990 dwar il-verifiki veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-għan li jitlesta s-suq intern (1), kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 91/496/KEE (2), u b';mod partikolari l-Artikolu 20(3) tiegħu,

Billi fid-19 Lulju 1991 il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 91/398/KEE dwar *network* komputerizzat li tgħaqqad flimkien l-awtoritajiet veterinarji (Animo) (3);

Billi, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament mingħajr diffikultajiet tan-*network*, għandu jiġi mwaqqaf mudell tal-messaġġ li għandu jiġi trasmess mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti;

Billi l-miżuri li hemm provdut dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DECIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Il-messaġġ li għandu jiġi trasmess permezz tan-*network* komputerizzat Animo għandu jkun skond il-mudell fl-Anness.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta qabel il-31 Diċembru 1992 fid-dawl ta' l-iżvilupp tar-regoli veterinarji u b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-ħtiġijiet taċ-ċertifikazzjoni.

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, it-3 Diċembru 1991.

*Għall-Kummissjoni*

Ray MAC SHARRY

*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.
(2) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56.
(3) ĠU L 221, tad-9.8.1991, p. 30.

*L-ANNESS*

**MUDELL GĦALL-MESSAĠĠ**

1. **Data tat-trasmissjoni**

2. **Oriġini**

   — Kodiċi tal-pajjiż — kodiċi ta' l-unità

   — Certifikat tas-saħħa

   — Numru

   — Data

   — Isem tal-veterinarju li qed jiffirma ċ-ċertifikat

3. **Destinazzjoni**

   — Kodiċi tal-pajjiż — kodiċi ta' l-unità

   — Riċevitur u ndirizz tal-post ta' destinazzjoni

4. **Merkanzija**

   — Tip — kodiċi

   — Numru/kwantità

5. **Mezz ta' trasport**

   — Tip ta' trasport (trukk, tren, ajruplan, vapur, eċċ.)

   — Identifikazzjoni tal-mezz ta' trasport (registrazzjoni tat-trukk, numru tal-vagun, numru tat-titjira, isem tal-bastiment, numru tal-kontejner, eċċ.)

6. **Osservazzjonijiet**

   Partikolarment, għall-pożizzjonijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera: oriġini ta' l-annimali u prodotti.